MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Kongunt Numru. 91/2015

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet zzewgu fit-13 ta’ Awissu 2005 fil-Knisja Parrokkjali ta’ Sant’Agatha ir-Rabat Malta, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, hekk skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A;**

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhom l-ebda tfal;

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia tat-22 ta’ Novembru 2010 hekk skont il-kuntratt

hawn anness u mmarkat **Dokument B** u ghaldaqstant il-partijiet ilhom isseparati legalment ghal aktar minn erba snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet qeghdin jigguramentaw dan ir-rikors li ghandu jigi meqjus bhala l-affidavit taghhom ghad-divorzju li huma jixtiequ jintraprendu ai termini tal-Ligi Maltija;

Illi m'hemmx obbligu ta' manteniment reciproku kif jirrizulta mill-istess kuntratt;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-22 ta' Novembru 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------